# KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN

**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 08/K6/08

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 25/09/'08 237**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 25/09/'08 290**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 25 ta' Settembru 2008.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00 p.m.

1.03 Preżenti: Sebgħa membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-iskrivana Lindsay Debattista.

1.04 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

1.05 Saret minuta silenzju b'rispett ta' l-ex Sindku Chev. Charles Sciberras li ġie nieqes fl-4 ta' Settembru 2008.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2. Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fit-19 ta' Settembru 2008. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Offerti – Tmexxija tal-kumpless *Ġnien Dun Anton Sciberras*.
4. Programmi ta' l-EU.
5. Ġemellaġġ.

6. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 07/K6/08 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 07/K6/08.

1.3.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
| --- | --- |
| 3171&K817 | Ittra mingħand is-Sur J. Bugeja rigward 'Xuffiera tat-Taxi nkwetati'. |
| 3245 | Ittra mingħand il-Go rigward *Local Council proposal for collaboration*. |
| 3288 | Ittra mingħand Pendergardens rigward *Closure of Pedestrian Alley off Triq San Andrija.* |
| 3356 | Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-kuntratt tal-ġbir ta' l-iskart mid-djar. |
| 3362 | Ittra mingħand il-MEUSAC rigward Għajnuna lill-Kunsilli Lokali dwar Programmi ta' l-EU. |
| 3410/3742&3745 | Ittri mingħand il-Kunsill Lokali Qala rigward il-Qala International Folk Festival. |
| 3412 | Talba mingħand il-Federazzjoni ta' l-Għaqdiet tas-Sajjieda Dilettanti ta' Malta u Għawdex biex issir laqgħa. |

3459 Ittra mingħand il-McDonalds Restaurant sabiex jinbidel il-ħin tal-Loading/Unloading Sign.

3565 Ittra mingħand l-ADT rigward a) Traffic Management fi Triq il-Karmelitani u Triq Alfons Maria Galea b) Slow signs u road markings fi Triq Forrest k/m Triq Wied Għomor.

3646 Ittra mingħand id-Dipartiment tas-Saħħa rigward preżentazzjoni dwar is-sigurta' fl-ikel.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 3288

2.02 B'riferenza għall-ittra mingħand Pendergardens rigward *Closure of Pedestrian Alley off Triq Sant Andrija* ġie deċiż unanimament illi is-Sur Peter Diacono jiġi nfurmat illi:-

- It-triq terġa' tinfetaħ meta jitlesta x-xogħol;
- Ma jsir l-ebda 'encrochment' f'din it-triq sakemm hija art pubblika.
- Japplika għall-permessi kollha meħtieġa skond ir-regolamenti.

Rif. Nru. 3356

2.03 B'riferenza għall-ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-*kuntratt tal-ġbir ta' l-iskart mid-djar* inġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill ser jiġi nfurmat aktar 'il quddiem dwar il-kuntratt il-ġdid li jrid jinħareġ għal dan is-servizz.

Rif. Nru. 3362

2.04 B'riferenza għall-ittra mingħand il-MEUSAC rigward għajnuna lill-Kunsilli Lokali dwar Programmi ta' l-EU ġie deċiż unanimament illi ssir il-laqgħa mal-membru tal-Funding Unit xi darba l-Ħamis wara s-2.00p.m.

Rif. Nru. 3410 / 3742 / 3745

2.05 B'riferenza għall-Qala International Folk Festival, il-Kunsill ġie nfurmat illi l-attivita' ġewwa San Ġiljan ser issir nhar il-Ġimgħa 26 ta' Settembru 2008 u li s-Sindku ġie mistieden jitla' Għawdex għall-kumplament tal-ċelebrazzjonijiet. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi:-

- Mill-Ġimgħa filgħaxija sat-Tlieta s-Sindku jattendi għall-istedina bi spejjeż għall-Kunsill.

- tiġi aċċettata l-kwotazzjoni ta' Neriku għal mitt ruħ (Rif Inc. 3745).

- l-Kunsillier Edgar Montanaro ser jattendi s-serata li ser issir il-Ħadd 28 ta' Settembru fil-Pjazza San Ġużepp, Qala.

Rif. Nru. 3412

2.06 B'riferenza għat-talba li saret mill-Federazzjoni ta' l-Għaqdiet tas-Sajjieda Dilettanti ta' Malta u Għawdex biex issir laqgħa mal-Kunsill ġie deċiż unanimament illi jsir appuntament magħhom wara s-2.00p.m u li jiġu nfurmati l-kunsilliera kollha.

Rif. Nru. 3459

2.07 B'riferenza għall-ittra mingħand is-Sur John Giacchino f'isem il-McDonalds Restaurant ta' Triq San Gorg, sabiex jinbidel il-ħin tat-tabella tal-Loading/Unloading ġie deċiż unanimament illi jiġi rrakomandat lill-ADT li din issir mis-0600 hrs sa 1200hrs.

Rif. Nru. 3565

2.08 Saret riferenza għall-ittra mingħand l-ADT rigward proċedura li għandha tiġi osservata ma' kull talba li ssir għal Traffic Management. Ġie deċiż unanimament illi din l-ittra tiġi riferuta lill-Onorevoli Chris Said fejn jiġi nfurmat illi l-Kunsill ma jistax jaħdem b'din il-burokrazzija kollha. Dan minħabbba li qed jimponu spejjeż żejda għas-servizz ta' periti u uffiċjali oħra sabiex jiġu osservati dawn ir-regolamenti inutili li faċilment jistgħu u għandhom jiġu deċiżi mill-Kunsill.

Rif. Nru. 3646

2.09 B'riferenza għall-ittra mingħand il-Health Promotion and Disease Prevention Department rigward preżentazzjoni dwar is-sigurta' fl-ikel li ser issir fit-28 t' Ottubru 2008, ġie deċiż unanimament illi:-

- jiġi kkuntattjat Fr. Hilary Tagliaferro sabiex din il-preżentazzjoni ssir fil-Millennium Chapel;
- Il-Kunsill jipprovdi servizz ta' mini van jekk ikun hemm il-bżonn;
- L-Għaqda Nisa Ġiljaniżi jiġu nfurmati b'din il-laqgħa;
- Il-Propoganda fil-mezzi tax-xandir, u gazzetti lokali ssir mill-Health Dept;
- Jiġu nfurmati l-kappillani bid-dettal ta' l-attivita'.
- Is-Sindku Peter Bonello u l-Kunsilliera Irene Borg ser jieħdu ħsieb din l-attivita'.

**3 Offerti – Tmexxija tal-kumpless Ġnien Dun Anton Sciberras**

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tas-schedule tat-tender (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv għamlet riferenza għal estratt min-Memo 25/1999 artiklu 2 ( Ara Appendiċi 'B') dwar amministrazzjoni ta' proprjeta' pubblika u ġibdet l-attenzjoni li ma tistax tingħata l-awtorizzazzjoni lil terzi persuni biex jużaw proprjeta' pubblika jew parti minnha jekk il-Kunsill ma jingħatax titolu legali fuq il-proprjeta'.

3.03 Iċ-Chairman għarraf lill-Kunsill li l-kumpless ta' Ġnien Dun Anton Sciberras reġa' ġie vvandalizzat u għalhekk il-Kunsill ma jistax jibqa' jaċċetta dan id-dewmien kollu min-naħa ta' l-awtoritajiet ikkonċernati, għalhekk ippropona li:-

- F'dan l-istadju tingħażel l-offerta tal-kuntrattur Joseph Camilleri biex jibda jieħu ħsieb it-tmexxija tal-ġnien sakemm jingħata l-kuntratt finali;

- Issir skrittura privata fejn il-Kunsill jintrabat mal-kuntrattur li jiffirma l-kuntratt finali wara li l-Kunsill jingħata d-devoluzzjoni ta' l-art.

- Il-kuntratt jingħata għall-perjodu ta' tlett snin iżda jiġi rivedut wara l-ewwel sena.

- Jiġi nnotifikat is-Segretarju Parlamentari għar-Revenues & Lands li l-Kunsill għadu ma ngħatax id-devoluzzjoni ta' l-art f'Ta' Ġiorni. B'konsegwenza ta' dan il-Kunsill ma jistax jagħti l-awtorizzazzjoni lill terzi persuni biex jamministraw il-kumpless ta' Ġnien Dun Anton Sciberras li qed jiġi vvandalizat ta sikwit.

3.04 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

3.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.06 Ġie deċiż unanimament illi ssir laqgħa mal-kuntrattur wara nhar l-Erbgħa 1 ta' Ottubru 2008 wara s-2.00p.m. u jiġu nfurmati l-kunsilliera kollha.

## 4 Programmi ta' l-EU

4.01 Saret riferenza għar-risposta li l-Kunsill irċieva mingħand il-Malta-EU Steering & Action Committee (MEUSAC) inc.3362/08 u ġie deċiż unanimament illi din l-item ma tiġix diskussa peress li ġie mitlub li jsir appuntament ieħor.

## 5 Ġemellaġġ.

5.01 Ġie deċiż unanimament illi l-proċeduri għall-ġemellaġġ li l-Kunsill kellu fil-ħsieb li jagħmel ma' Shilin County, fiċ-Ċina jitħallgħu 'on hold' u li dan is-suġġett jiġi diskuss waqt il-laqgħa mal-MEUSAC.

## 6. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet

6.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'Ċ').

6.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

6.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2499 sa 2519 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

7.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets.

7.03 Il-Kunsillier Irene Borg issekondatu.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

7.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**8 Materji Oħra**

8.01 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi:-

- hemm bżonn li jinxtraw żewġ printers tal-kulur minħabba li mhuwiex viabbli li jissewwew li għandna;
- It-Tender tal-Contracts Manager jagħlaq nhar it-Tnejn 29 ta' Settembru fl-10.30a.m;
- Sar transfer ta' €24,458.93 mill-BOV għall-HSBC account;
- f'qasir żmien ser jiġi ffirmat il-ftehim mal-MEPA dwar il-finanzjament li ser jirċievi l-Kunsill biex isiru l-proġetti ta' Triq Sant' Elia u Ġnien Saver Zarb;

8.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi:-

- Il-Wirja ta' l-għasafar li ssir f'Novembru ssir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill u li jitħallas l-ammont ta' €232.93 lill-organizzaturi biex ikopru parti mill-ispejjeż;

- Tintbagħat ittra lill-Institute Director tal-Kulleġġ tal-Libjani fejn għal darb' oħra tinġibed l-attenzjoni li hemm bżonn li ssir manutenzjoni tal-boundary wall tad-dawra kollha tal-kulleġġ peress li huwa fi stat perikoluż għall-pubbliku. Għandha tintbagħat kopja ta' din l-ittra lill-pulizija;

- Tiġi rranġata l-bankina fi Triq San Mark in-naħa ta' wara ta' l-Ambaxxata Ċiniża;

- Titpoġġa skip fi Triq Claire E Engel dment li r-resident jindikaw bil-miktub il-post fejn għandha titqiegħed;

- Ir-rappreżentant ta' l-Malta Tourism Authority (MTA) jiġi nfurmat biex il-bin il-griż li twaħħal quddiem il-flats fi Triq San Gorg jitneħħa u jitpoġġa ħdejn il-McDonalds;

- Issir rakkomandazzjoni lill-ADT sabiex issir sleeping policeman fi Triq il-Mensija k/m Triq is-Sajjieda. Il-Kunsillier Edgar Montanaro ser jipprovdi d-dokumenti meħtieġa għal ma' din it-talba.

- Issir talba lill-Enemalta biex jiżdied id-dawl fi Triq San Gorg bejn id-Dick's Bar u l-HSBC;

- Tintbagħat reminder lill-ADT għall-loading/unloading bay fi Triq San Gorg ħdejn il-Focal;

- Issir talba lill-ADT biex isiru bollards quddiem il-Knisja tal-Buon Kunsill;

- Issir talba lill-Kumitat Konġunt biex jiġi kkunsidrat li ssir cctv camera quddiem il-Knisja tal-Buon Kunsill;

- Tintbagħat ittra lir-residenti ta' Triq il-Qalb Imqaddsa fejn jiġu nfurmati li ser tiġi mplimentata 'One Way Traffic Management', li għalissa ser ikun bi prova;

8.03 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fl-4.10p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |